**Webinar 2 - 2024**
**Gozo Business Sentiment**

# The Business Sentiment Survey as a tool towards key strategic decisions for Gozo

Daniel Borg Friday 14 June 2024

---

Grazzi Juergen ta' din l-analiżi.

Minn naħa tiegħi dan is-servej iġibni biex inpoġġi numru ta' mistoqsijiet. Fejn ipoġġina dan is-servej? Liema huma l-kunsiderazzjonijiet strateġiċi li rridu nikkunsidraw.

U għalhekk xtaqt nibda billi ngħid li r-realta' ta' Għawdex filwaqt li hi waħda partikolari ma tistax tinqata' minn dik nazzjonali u tal-bqija tad-dinja. Ċertu realtajiet bħal dik tan-nuqqas ta' ħaddiema huma realtajiet affaċċjati minn kumpaniji oħra fuq livell nazzjonali. L-istess il-problema tal-ispejjeż, realta li n-negozji kollha madwar l-Ewropa qed jaffaċċjaw, u li fir-realta ta' Għawdex hija waħda iktar partikulari għax għandek ir-realta' ta' gżira li tiddependi minn gżira oħra u għalhekk l-ispejjeż huma ikbar.

## Kunsiderazzjonijiet Strateġiċi

Apparti mill-andament ekonomiku li juri xejra stabbli u tkabbir ekonomiku sostenut dan is-servej qed juri xejriet oħra li huwa mportanti li nagħtu kashom.

Waħda minnhom hi li 45% biss tan-negozji f'Għawdex jagħrfu l-potenzjal tal-impatt tat-tibdil fil-klima fuq l-operat tagħhom u l-impatt li dan jista' jkollu fuq anke l-għażliet tal-konsumaturi. Filwaqt li nofs biss tal-kumpaniji qed jieħdu attivament inizjattivi relatati biex isiru iktar resiljenti fejn jidħol it-tibdil fil-klima.

Kunsiderazzjoni strateġika li nistgħu naraw f'dan il-każ huwa li trid tiżdied l-edukazzjoni fost il-kumpaniji Għawdxin fejn jidħol dan l-element.

Għawdex hija gżira u l-gżejjer kollha ġeografikament huma dawk li l-iktar ikunu impattati b'mod ħażin mit-tibdil fil-klima.

Kunsiderazzjoni strateġiċi f'dan ir-rigward jinkludi tibdil li wieħed jeħtieġ jagħmel fl-industrija tal-kostruzzjoni fejn jidħlu kemm binjiet li telgħin u r-*retrofitting* ta' binjiet eżistenti. Dan ifisser li jistgħu jinfetħu industriji ġodda f'dan il-qasam li mhux neċessarjament ikollu x'jaqsam ma'binjiet ġodda. Kunsiderazzjoni strateġika oħra għandha x'taqsam mal-industrija tat-turiżmu. Jista' jkun li minħabba ż-żieda fit-temperaturi t-turiżmu ma jkunx marbut biss mas-Sajf imma jinfirex ukoll fuq dawk ix-xhur iktar friski.

Ir-reżiljenza fit-tibdil mill-klima minna nnifisha toffri mhux biss sfidi imma wkoll opportunitajiet. F'Għawdex nemmen li tista' tinħoloq niċċa ġdida biex permezz tar-riċerka li ssir f'Għawdex stess jinstabu u jiġu ppruvati soluzzjonijiet li jnaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju fuq livell nazzjonali. U għala le, dawn l-istess teknoloġiji li jiġu żviluppati hawnhekk jistgħu eventwalment jiġu esportati biex jiġu adottati wkoll barra minn Malta. Fiż-żmien li ġej se jinfetħu iktar opportunitajiet fuq livell ta' fondi Ewropej fil-qasam tar-riċerka anke għas-settur privat. U għalhekk nemmen li se jkun hemm opportunitajiet importanti li jridu jittieħdu biex Għawdex verament ikun jista' jagħmel differenza f'dan il-qasam.

Skont rapport maħruġ minn Enrico Letta (2024, p.29) fuq l-istat tas-Suq uniku jgħid li l-aġenzija nternazzjonali tal-Enerġija tistma' li s-suq globali għal teknoloġiji ta' enerġija nadifa tal-massa se tkun tiswa mas-650 biljun dollaru sal-2030, iktar minn tlett darbiet l-istess livell fuq il-ħames snin li għaddew. Ix-xogħlijiet relatati ma' dan is-settur se jkunu wkoll qed jidduplikaw ruħhom f'dan il-perijodu. Hu jgħid ukoll li d-diversi intrapriżi marbutin ma' dan is-settur fl-Unjoni Ewropea kien jiswa 100 biljun ewro fl-2021. Dan infatti rdoppja fil-valur meta kkumparat mal-2020.

Li hu ċar hu li ma nistgħux nieħdu l-impatt fil-klima biċ-ċajt. Skont l-istess rapport ta' Letta hu jikkummenta li l-affarijiet u l-avvenimenti marbuta mat-tibdil fil-klima żdiedu konsiderevolment bejn l-1980 u t-2022. Dan ikkawża 220,000 mewt u 650 biljun f'telf matul dan l-istess perijodu fl-Unjoni Ewropea. 170 biljun ġara f'dawn l-aħħar ħames snin biss. Jekk ma jsir xejn bejn l-2031 u l-2050, l-ispiża addizzjonali fuq il-prodott gross domestiku jista' jiswa lill-Unjoni Ewropea 2.4 triljun ewro (Letta 2024, p. 29).

L-intrapriżi anke dawk li huma żgħar jridu jifhmu li l-operat tagħhom anke mill-banek dejjem iżjed se jkun iġġudikat skont dawk li huma l-*ESG*

criteria, jiġifieri l-*environment, social and governance criteria*. L-ebda intrapriża ma tista' tibqa' mingħajr ma tagħmel xejn.

**Id-Diversifikazzjoni tal-Ekonomija Għawdxija**

X'juri dan is-servej? Dan juri li r-realta' ta' gżira bħal Għawdex ma tistax taqtagħha minn dak li qed jiġri barra minn Malta. Imma iktar minn hekk dan is-servej jurina li baqagħlna ħafna xogħol biex inkomplu naħdmu fuq id-diversifikazzjoni tal-ekonomija Għawdxija.

Filwaqt li dan is-servej juri li l-ekonomija tagħna baqgħet mixja tajjeb flimkien mal-andament ekonomiku nazzjonali, dan is-servej juri wkoll li dak li qed jinħass fuq livell globali qed jinħass ukoll fuq Għawdex.

X'ifisser? Dan ifisser li l-ekonomija tagħna llum hi waħda iktar integrata ma' dik dinjija, u għalhekk hi ekonomija wkoll li qed tkun iktar esposta għal dawk li huma l-bidliet li qed jiġru barra minn Malta. Dan ifisser li ċertu reżiljenza li kienet assoċjata mal-ekonomija Għawdxija minħabba li kienet iktar marbuta ma' setturi tradizzjonali, illum qed tgħib. Dan joffrilna diversi sfidi imma wkoll iktar opportunitajiet.

L-isfidi huma li kif hemm muri fl-istrateġija tal-Awtorita' għall-Iżvilupp Reġjonali rridu nfittxu setturi ġodda għall-gżira Għawdxija. F'dan il-kuntest l-istrateġija ssemmi: (a) appoġġ lill-istrutturi ekonomiċi f'setturi ġodda; (b) appoġġ lill-ħidma fir-riċerka; (c) attenzjoni għad-*digital working nomads*; (d) Għawdex bħala Ċentru ta' Eċċellenza fl-Industrija tal-Agritech; (e) appoġġ għall-iktar innovazzjoni u teknoloġija fis-settur mediku; u (f) appoġġ lill-isforzi għad-dekarbonizzazjoni. Il-punt kruċjali hu li jrid ikun hemm diversifikazzjoni tas-setturi ekonomiċi ta' Għawdex, u li dawn ikunu setturi li joħolqu valur miżjud. Ġa għandna ċertu setturi bħalma huma l-*Queen Mary University of London* f' Għawdex, u anke kumpaniji fis-settur diġitali. Imma hemm bżonn li nsaħħuhom iktar. Hemm ukoll setturi oħrajn li huma sodi bħalma hi l-manifattura u t-turiżmu li jridu jerġgħu jiġu maħsuba. *Discussion paper* maħruġa mill-Awtorita' Għawdxija għall-Iżvilupp Reġjonali ssemmi per eżempju l-*additive manufacturing* jew kif inhu magħruf *3d printing*. Hemm ħafna opportunitajiet li rridu nisfruttawhom hekk kif għandna andament ekonomiku sod.

Għalhekk nemmen li issa hu l-mument li tiġi attwata politika ekonomika reġjonali li tgħin biex Għawdex jagħmel dak il-pass il-quddiem li hu tant meħtieġ. Grazzi!

## Bibjografija

Letta, E. 2024. *Much more than a market – Speed, Security, Solidarity. Empowering the Single Market to deliver a sustainable future and prosperity for all EU citizens* [Online]. p.29 [Accessed 13 June 2024]. Available from: https://www.consilium.europa.eu/media/ny3j24sm/much-more-than-a-market-report-by-enrico-letta.pdf